# TRIBUNAL INDUSTRJALI

**Decizjoni Preliminari Numru: 2557**

**Kaz Numru: 3498/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Deomede Cassar (ID 17355(M))**

**u**

**Ministeru ghall-Edukazzjoni u x-Xoghol u b'verbal datat 27 ta' Frar, 2017, ghandu jinqara Direttur Generali ta' l-Operat fi hdan il-Ministeru ghall-Edukazzjoni u x-Xoghol**

*dwar allegazzjoni ta' ngustizzja*

<u>**Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D**</u>

Illum 9 t'Ottubru, 2018

It-Tribunal;

Ra r-rikors datat 3 t'Ottubru, 2016, intovalat mir-rikorrent Deomede Cassar fejn talab lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara li sehhet ingustizzja fil-konfront tieghu wara li gie sospiz wara decizjoni ta' dixxiplina u kif ukoll li tnaqqsistlu l-paga.

It-Tribunal, in oltre, ra d-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-Ministeru ghall-Edukazzjoni u x-Xoghol, ipprezentata fir-Registru fl-14 ta' Novembru, 2016, fejn il-Ministeru Ntimat ressaq tlett (3) eccezzjonijiet preliminari bl-ewwel eccezzjoni titratta l-kawza ma setghetx tinfetah kontra l-Ministeru u dan satnet li artikolu 181B (1) tal-Kap 12, tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonjiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, u ghalhekk f'dan il-kaz huwa d-Direttur Generali tal-Operat fi hdan il-Ministeru ghall-Edukazzjoni u x-Xoghol. Mentri t-tieni eccezzjoni titratta nuqqas ta' komptenza f'din il-materja stante u dan ai termini ta' artikolu 75 tal-Kap 452, li l-rikorrent ma giex imkecci minn fuq il-post tax-xoghol, izda biss sospiz tlett (3) ijiem. Fit-tielet eccezzjoni l-Ministeru Ntimat jaghmel referenza ghall-artikolu 80 (2) (a) tal-Kap 452, tal-Ligijiet ta' Malta fejn it-Tribunal ghandu jizgura li ma jkunx hemm indhil fuq il-funzjonijiet tal-Kummissarju dwar is-Servizzi Pubbliku u li ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' kull haga li taqa' taht il-funzjonijiet ta' dik il-Kummissjoni. In oltre, kien hemm decizjoni datata 13 ta' Gunju, 2016, ('Dok. E') fejn ir-rikorrent

inghata decizjoni finali mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ghalhekk it-Tribunal ghandu jastjeni milli jisma' l-kawza odjerna u dan sabiex jaderixxi ruhu ma' l-istess ligi li waqqfitu.

It-Tribunal ra ukoll il-lista tax-xhieda taz-zewg partijiet kontendenti f'din il-kwistjoni ta' xoghol.

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-verbal tas-27 ta' Frar, 2017, fejn saret korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fejn flok kontra l-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol, il-kawza giet kontra d-Direttur Generali tal-Operat fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol. In oltre, fis-seduta tas-17 ta' Lulju, 2018, il-kontendenti ghamlu t-trattazzjoni taghhom fuq l-eccezzjoni preliminari ssollevata mill-Ministeru Ntimat.

**Trattazzjoni**

Dr. Deborah Mifsud Attard ghar-rikorrent irrilevat illi r-rikorrent f'dan il-kaz gie misjub hati darbtejn, darba qabel iltaqa' l-Board u darba wara fejn tnaqqsitlu xahar paga. Id-difensur tar-rikorrent sostniet li din kienet ingustizzja mar-rikorrent u dan peress li gie misjub hati mill-Board u wara rega' gie kkundannat sospensjoni minn fuq ix-xoghol.

Mill-banda l-ohra, Dr. Mireille Sacco ghall-Ministeru Ntimat iccitat diversi decizjonijiet li jitrattaw dawn l-istanti u bdiet bl-ewwel eccezzjoni fejn sahqet li kawza ghandha tinfetah kontra l-Kap fil-Ministeru u li f'dan il-kaz in dezamina huwa d-Direttur Generali tal-operat.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, ossia fejn jitratta l-artikolu 75 tal-Kap 452, fejn jistipula dawk l-istanti fejn it-Tribunal ghandu l-komptenza tieghu. Id-difensur tal-Ministeru Ntimat ghamlet referenza ghad-decizjonjiet segwenti; Simon Grima vs MH Malta Limited, deciza mill-Prim Awla fil-31 ta' Mejju, 2010, u VistaJet Limited vs Edward Whyte tal-Prim Awla, deciza fl-4 t'Ottubru, 2016. L-avukatessa Sacco in rapprezentanza tal-Ministeru sostniet li kienet ttiehdet decizjoni b'mod holistiku da parti tad-Direttur Generali dwar il-kaz in dezamina. Ghalhekk ibbazzat l-argument taghha fuq dan il-fatt, u cioe` li t-Tribunal Industrijali m'ghandux kompetenza biex jiddeciedi dan il-kaz de quo. In oltre, d-difensur ghamlet referenza ghall-artikoli 75 u 80 tal-Kap 452, fejn jikkoncernaw sitwazzjonjiet dwar il-kompentenza tat-Tribunal Industrijali.

**Ikkunsidra: -**

Illi f'din il-kwistjoni ta' xoghol gew issollevati tlett eccezzjonjijiet mill-Ministeru Ntimat u li t-Tribunal Industrijali ha jezamina wahda, wahda. Illi l-ewwel eccezzjoni titratta s-sitwazzjoni fejn il-Gvern ghandu jkun rapprezenatat fl-atti gidizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment in kwistjoni, ossia mall-Kap li mieghu ikun hemm il-kwistjoni u li f'dan l-odjern kaz huwa d-Direttur Generali tal-Operat fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol. Illi rigward din il-kwistjoni t-Tribunal jinnota li kienet saret talba ta' korrezzjoni fl-okkju tal-kawza mid-difensura tar-rikorrent, liema korrezzjoni ntalbet fis-seduta tas-27 ta' Frar, 2017. In oltre t-Tribunal, kif diversament presedut kien laqa' t-talba u ghalhekk din l-eccezzjoni preliminari hija sorvolata.

It-tieni eccezzjoni preliminari titratta l-gurisdizzjoni li ghandu t-Tribunal Indistrijali u minn dak li hemm stipulat fil-Kap 452, it-Tribunal Indistrijali ghandu ġurisdizzjoni speċjali u limitata. Illi jiirrizulta car minn din il-kwistjoni li l-odjerna kwistjoni ta' xoghol ma kinitx tikkoncerna każ ta' tkeccija ngusta, izda kaz ta' procedura dixxiplinari fil-konfront tar-rikorrent, Deomede Cassar, fejn

l-istess rikorrent qieghed jallega li saret nġustizzja mieghu. Il-kwistjoni ta' kompetenza tat-Tribunal Industrijali hija elenkata fl- Artikolu 75 tal-Kap 452.

Illi hemm diversi decizjonijiet dwar il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali u dwar il-ġurisdizzjoni esklussiva li ghandu t-Tribunal Industrijali. Fid-decizjoni, Karmenu Vella vs General Workers' Union, moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Settembru, 2010, gie rilevat s-segwenti;

> *"Ghandu jinghad li l-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali ġiet konferita bil-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta b'deroga għall-ġurisdizzjoni ġenerali tal-qrati ordinarji. Għalhekk, salv fil-każijiet indikati fil-liġi stess, id-disposizzjonijiet tal-Kap.452 ma jistgħux jiġu nterpretati b'mod wiesgħa tant li jiġu estiżi sabiex jinkludu setgħat li l-leġislatur ma ndikax fil-liġi għax ma riedx li dawn jidħlu fil-parametri tas-setgħat tat-Tribunal. Fi kliem ieħor, il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setgħat li għandu huma dawk espressament indikati fil-liġi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tiegħu"*.[1]

Illi minn dan il-bran tal-imsemmija decizjoni johrog car x'inhi l-intenzjoni tal-legislatur ghal dak li jikkoncerna l-poteri tat-Tribunal Industrijali. Illi fil-kaz in dezamina r-rikorrent qieghed jitlob lit-Tribunal sabiex jiddikjara li saret ingustizzja mieghu u kif ukoll li jinghata "*kwalunkwe rimedju li jiddeciedi t-Tribunal skond il-ligi*"[2]. Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-kwistjoni li kellu r-rikorrent ma tinkwadrawx fil-parametri tal-Kap 452. It-Tribunal Industrijali minn dak li hemm stipulat f' Kap 452 m'ghandu l-ebda setgha li jiddeciedi jew jissindika jekk kwistjoni li kienet deciza internament mill-Ministeru u li, di piu', giet appellata quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku nghatax b'mod gust jew le.

L-artikolu 75 tal-Kap 452 jispecifika bl-aktar mod car x'inhi l-kompetenza jew il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali:

> 75. (1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi -
>
> (a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija nġusta; u
>
> (b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu, għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:

Illi din il-kwistjoni ta' xoghol ma hijiex dwar tkeccija ngusta u, in oltre, r-rikorrent qatt ma tkecca mix-xoghol tieghu. Id-Direttur tal-Operat fi hdan il-Ministeru Ntimat kellu kull dritt li jadopera l-procedura li huwa regolat biha s-Servizz Pubbliku u l-istess rikorrent ukoll kellu d-drittijiet kollha

---

[1] *Karmenu Vella vs General Workers' Union*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Cit. Nru:774/2009/JZM, 30 ta' Settembru 2010 – Onor. Mhallef Joseph Zammit McKeon.

[2] Talba fir-rikors promutur tar-rikorrent, Deomede Cassar, ipprezentat fit-3 ta' Ottubru 2016.

li huma sanciti f'dawn il-proceduri nterni, ossia l-Kodici dwar l-Immaniggar tas-Servizz Pubbliku (PSMC).

In oltre, t-tielet eccezzjoni sollevata mill-Ministeru ntimat titratta propju artikolu 80 ta' Kap452, precizament sub-inciz tnejn (2) tal-imsemmi artikolu. Illi dan l-artikolu jitratta s-sitwazzjonijiet fejn it-Tribunal Indistrijali ghandu jastenji meta jkun hemm materja li taqa' taht il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Artikolu 80 (2) jistipula s-segwenti:

> (2) Meta xi ħaġa quddiem it-Tribunal tkun tolqot jew tkun dwar uffiċjali pubbliċi t-Tribunal għandu jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' kull ħaġa li taqa' taħt il-funzjonijiet ta' dik il-Kummissjoni.

Il-kwistjoni odjerna zgur li giet trattata ampjament kemm quddiem il-Bord tad-Dixxiplina (Dok.'A' u Dok. 'B'), ai termini tal-PSMC u kif ukoll id-dritt ta' appell li ntavola r-rikorrent quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Dok 'E') u dan kif jirrizulta mill-atti processwali. Illi ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal Industrijali m'ghandu l-ebda setgha moghtija lilu mil-ligi sabiex jissindika dawn il-proceduri nterni li tikkoncerna ufficjal pubbliku.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal qieghed jiddeciedi din il-kwistjoni ta' xoghol billi jilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tad-Direttur Generali tal-Operat fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol, u dan peress li l-ewwel eccezzjoni preliminari giet sorvolata, filwaqt li jichad it-talba tar-rikorrent, Deomede Cassar, u jiddikjara li m'għandux ġurisdizzjoni sabiex jisma' t-talbiet tar-rikorrent, Deomede Cassar u dan ai termini ta' artikoli 75 u 80 tal-Kap 452.

Għall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986 t-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tad-difensuri tal-partijiet f' din il-kwistjoni ta' xoghol fl-ammont ta' tlieta u disghin Ewro u sbatax-il centezmu (€93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Avv. Geoffrey Vella**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**